MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 472/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Attard**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Attard talli:

(1) fis-27 ta’ Gunju 2008 ghall-habta tal-17:15 hrs gewwa Triq Hal-Far, Birzebbuga, volontarjament ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Barbara Attard, skond kif iccertifika Dr. Dorothy Zammit, M.D.;

(2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Christopher Attard hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati talli ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Barbara Attard u, wara li rat l-artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt euro (€500) u, a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kkundannatu jhallas is-somma ta' €138.36 spejjez inkorsi fil-hatra ta' espert;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Christopher Attardipprezentat fl-14 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi kwantu ghal fejn gie lliberat u anke kif instab hati izda li tigi applikata piena anqas harxa fic-cirkostanzi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eccessiva, ghalkemm fil-parametri tal-ligi. Jghid illi f'din il-kawza l-*parte civile* gidbet b'mod sfaccat lill-Qorti billi qalet li ferita fuq imnehirha li kellha snin ilu taparsi kienet sofrietha waqt l-incident mertu ta' din il-kawza. Dan l-agir tal-*parte civile* kellu jigi ccensurat mill-Qorti billi, fost affarijiet ohra, tapplika piena miti. L-appellant jghid illi dan kien incident ta' darba li in parte kien ipprovokat mill-atteggjament ostili ta' martu. L-appellant josserva wkoll illi fis-seduti tad-distretti, min jinsab hati ta' imputazzjoni simili ma jigix ikkundannat multa hekk onoruza. Ghalhekk iqis illi ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**6.** In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra

mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

**7.** Din il-Qorti ezaminat il-provi u minnhom jirrizulta illi fix-xiehda tieghu l-appellant cahad li refa' jdejh fuq martu, jghid li ma jafx kif gie d-demm fuq wiccha, li ma jidhirlux li laqatha waqt l-argument, li sa fejn jaf hu ma gabilhiex xugamani biex timsah il-ferita, li f'ebda hin ma qal lill-Pulizija li kien laqat lil martu f'wiccha, u li ma qalx li taha daqqa ta' ras izda li l-argument kien wicc imb'wicc. Dan kollu hu kontradett (1) mix-xiehda ta' martu li qalet illi waqt argument li kien hemm bejniethom ghax beda jinsisti li jghidilha ghand liema avukat kienet marret biex tiehu parir dwar kwistjoni ta' wirt, "laghbli daqqa ta' ras b'kemm ghandu go nofs imniehri"; (2) mic-certifikat mediku rilaxxjat mit-tabiba Dr. Dorothy Zammit, u kkonfermata minnha bil-gurament, mnejn jirrizulta li Barbara Attard kellha (i) ferita miftuha ta' madwar 0.5 cm fuq l-imnieher li kellha bzonn *butterfly stitches* biex tinghalaq, u (ii) tbengila fuq l-imnieher li deher zlugat lejn in-naha tax-xellug; u (3) mix-xiehda ta' P.S. 853 Frankie Sciberras li *a tempo vergine* kellem lill-appellant u dan qallu li ma kienx aggredixxa lil martu izda kienu qeghdin jitkellmu wicc imb'wicc u aljena rasu u laqatha b'rasu. Jigifieri l-appellant ma kienx kredibbli fix-xiehda tieghu. U certament kieku lil martu "laqatha" biss ma kinux jigu riskontrati l-feriti li gew riskontrati mit-tabiba Zammit li huma indikattivi ta' daqqa frontali soda. Huwa minnu illi martu ma semmietx fil-Qorti illi qabel dan l-incident diga` kellha marka fuq imnehirha (kif jirrizulta mir-ritratti esebiti mill-appellant) u kien proprju ghalhekk illi l-appellant instab hati li kkommetta offiza ta' natura hafifa fuq martu. Izda dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi d-daqqa li l-appellant ta lil martu kienet wahda voluta, li setghet kellha konsegwenzi aghar, u li ma setghetx tigi ttrattata b'leggerezza.

**8.** Kwantu ghall-piena, skond l-artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-piena hi dik ta' prigunerija ghal zmien

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa izda skond l-artikolu 222(1)(a) il-piena tizdied bi grad meta l-offiza ssir fuq il-persuna tal-mara. Issa, skond l-artikolu 31(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta t-tlugh mill-piena tal-multa jsir ghal prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur. It-tlugh mill-piena massima ta’ tliet xhur prigunerija, skond l-artikolu 31(1)(b)(xiv)(xiii), isir ghal sitt xhur prigunerija. Jigifieri f’dan il-kaz il-piena kienet dik ta’ prigunerija u l-parametri kienu minn minimu ta’ gurnata sa massimu ta’ sitt xhur. Konsegwentement il-piena tal-multa hi taht il-*minimum* u m’hemm l-ebda lok ta’ varjazzjoni.

**9.** Kwantu ghall-ispejjez peritali, galadarba kienet id-difiza stess li talbet in-nomina ta’ espert mediku, dawn huma dovuti.

**10.** Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------